**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Ottubru, 2017

Rikors Guramentat numru : 266/14 AL

**A B f'isimha proprio u f'isem binha l-minuri M D**

**vs**

**C John D**
**u Direttur tar-Registru Pubbliku u permezz ta' digriet iddatat it-12 ta' Ottubru 2016 gie kjamat fil-kawza E N L N I.D.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi fl-20 ta' Settembru 2010 l-attrici welldet tifel minuri bl-isem ta' M D u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' l-iskrizzjoni 2962/2010;
2. Illi l-minuri M D gie registrat bhala l-wild naturali tal-

konvenut C John D, li dak iz-zmien kien f'relazzjoni ma' l-attrici Aichia B;

3. Illi kif se jigi ppruvat fir-kors tal-kawza specjalment minn testijiet xjentifici l-minuri M D mhux l-iben naturali tal-konvenut C John D;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni :

1. Tiddikjara illi l-minuri M D li twieled fl-20 ta' Settembru tas-sena 2010 m'huwiex il-wild naturali tal-konvenut C John D;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonjiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri fis-sens illi jnehhi kull konnatazzjoni tal-konvenut C John D u jigu sostitwiti bil-kliem 'missier mhux maghruf';
3. Tordna illi l-kunjom tal-minuri M D jigi sostitwit bil-kunjom 'B';

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi qed jiġi rilevat li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri M D, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi l-informazzjoni kif tniżlet fl- Atti tat-Twelid, tal-imsemmi M D u bin-numru ta' reġistrazzjoni 2962/2010, ġiet

iffirmata minn C John D u A B stess u b'dik il-firma it-tnejn kkonfermaw d-dettalji li huma imniżżlin fl-att innifsu u cioe anke l-fatt li l-minuri kien imniżżel bħala wild ta' C John D.

3. Illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, f'każ li tiġi milqugha l-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponenti xorta waħda jħoss li huwa fl-aħjar interess tal-minuri M D, li r-rikorrenti tispeċifika min huwa l-isem eżatt tal-allegat missier naturali ħalli b'hekk dan ikun jista' jiġi msejjaħ fil-kawża anke bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili**. Di fatti huwa opportun li talanqas il-minuri għandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

4. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut C John D, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi huwa minnu li l-partijiet kellhom relazzjoni, liema relazzjoni kienet wahda qasira;
2. Illi huwa wkoll minnu li l-eccipjenti m'huwiex il-missier naturali tal-minuri M D;
3. Illi pero' l-eccipjenti gharaf lill-minuri M D bhala ibnu fl-Att tat-Twelid peress illi l-attrici taghtu x'jifhem li huwa kien il-

missier naturali ta' l-istess minuri u ghalhekk m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

4. Illi fi kwalunkwe kaz l-eccipjenti jirrimetti ruhu ghall-provi li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut C John D;

Rat illi l-attriċi tallega illi minkejja li binha minuri M D, mwieled lilha fl-20 ta' Settembru 2010[1], ġie ddikjarat bħala iben il-konvenut C John D, dana m'huwiex minnu. Hija tallega li l-missier bijoloġiku u naturali ta' binha huwa effettivament ċertu E N L N;

Rat illi permezz ta' digriet iddatat it-12 t'Ottubru 2016[2], il-Qorti laqgħet it-talba tal-attriċi għall-kjamat fil-kawża ta' E N L N detentur tal-karta tal-identita` innumerata 37397(A);

Rat illi l-kjamat in kawża, minkejja li ġie debitament notifikat naqas illi jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu, u lanqas ma deher għall-udjenzi miżmuma mill-Qorti; Illi għalhekk huwa kontumaċi.'

Rat is-subtitolu III §I. tal-Kodiċi Ċivili[3], illi jitratta Fuq il-Filjazzjoni tal-Ulied Imnissla u Mwielda Barra miż-Żwieġ partikolarment l-Artikolu 99 illi jistipula li: ***"L-att li bih jiġi magħruf tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ jista' jiġi attakkat mit-tifel kif ukoll minn kull min ikollu interess."***

Rat ir-**rapport tad-DNA** redatt minn Dr. Marisa Cassar, ippreżentat minnha fit-12 ta' Jannar 2017[4]. Dr. Cassar ikkonfermat bil-ġurament[5] li hija ħadet il-kampjun orali ta' A B (Passaport Numru AU1802146) l-attriċi, M D (il-minuri) u tal-

---

[1] Ċertifikat tat-twelid esebit, fol. 3
[2] Fol. 32
[3] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta
[4] Fol. 33 et seq.
[5] Affidavit esebit, fol. 34

kjamat fil-kawża E N L N (ID 37397A) sabiex ikunu jistgħu isiru t-testijiet ġenetiċi tad-DNA (paternity test). Mit-testijiet li għamlet, irriżulta illi E N L N (ID 37397A) huwa l-missier naturali ta' M D.

Rat illi d-dettalji tal-kjamat fil-kawża E N L N (ID 37397A) kif mitluba mill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku huma s-segwenti[6]:

1) Isem u kunjom: E N L N
2) Id-dokument tal-identita`: 37397(A)[7]
3) L-eta` tiegħu meta twieled il-minuri: 32 sena
4) Il-post tat-twelid ta' E N L N: il-Palestina
5) Il-post tar-residenza tiegħu meta twieled il-minuri: San Pawl il-Baħar
6) Isem u kunjom missieru: E L N
7) Jekk il-missier patern kienx ħaj jew mejjet meta twieled il-minuri: Mejjet

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ġunju 2017, fejn l-attriċi ddikjarat illi l-kunjom li għandu jassumi l-minuri għandu jkun ta' "L N".

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi kif dejjem irritjeniet il-Qorti, f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut D, fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri M.

---

[6] Dawna jirriżultaw min-nota esebita fol. 40.

[7] Kopja tal-karta tal-identita` tinsab esebita fol. 38

Fil-każ odjern, jirriżulta mill-istess testijiet ġenetiċi illi effettivament il-minuri M D huwa l-wild naturali u bijoloġiku tal-kjamat fil-kawża E N L N (ID 37397A).

It-test xjentifiku, hekk kif ikkonfermat bil-ġurament, jelimina kull dubju dwar il- paternita' tal-minuri. Għaldaqstant, il-provi miġjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti juru bl-aktar mod ċar u inekwivoku li M D huwa l-wild naturali tal-kjamat fil-kawża. Illi għalhekk il-Qorti tara li m'hemm l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex tilqa' it- talbiet attriċi.

**DEĊIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Reġistru billi:-

1. Tiddikjara illi l-minuri M D li twieled fl-20 ta' Settembru 2010, m'huwiex il-wild naturali tal-konvenut C John D;

2. Tiddikjara illi l-kjamat fil-kawża E N L N huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri M imwieled lill-attriċi fl-20 ta' Settembru 2010;

3. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikat tat-twelid tal-minuri M D fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem C John D u l-konnotati tiegħu u minflok iniżżel id-dettalji tal-kjamat fil-kawża E N L N, detentur tal-karta tal-Identita` Maltija bin-numru 37397(A), li meta twieled il-minuri kellu tnejn u tletin (32) sena, imwieled fil-Palestina u residenti San Pawl il-Baħar u huwa iben E L N li kien mejjet fil-mument tat-twelid tal-minuri.

4. Tordna illi l-minuri M ikun magħruf bil-kunjom L N; u għaldaqstant id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku qed jiġi

ordnat iniżżel annotazzjoni ta’ din id-deċiżjoni fuq l-att tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tat-testijiet xjentifiċi tad-DNA relattivi, ikunu sopportati mill-attriċi A B.

Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Reġistratur